Ahbarijiet | 07 ta’ Marzu 2010 • Nr 176



## Il-vjolenza domestika mhix biss dik fizika

**Fil-process li jitwaqqaf centru ta’ ghajnuna ghall-vittmi ta’ attakki sesswali**

**Franica Pulis**

Niltaqa’ mal-Avukat Roberta Leprè fl-ufficcju tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika fil-Furjana, vicin id-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Hi bniedma attiva hafna. Fil-fatt ghandha kumpanija li toffri konsulenza dwar ugwaljanza u diversità u hi membru tal-Kummissjoni u Direttur tal-Victim Support Group. Illum tkellmet maghha dwar il-vjolenza domestika.
Is-sena li ghaddiet f’Malta sehhew zewg kazijiet ta’ vjolenza estrema tant li l-vittma spiccat maqtula. Wiehed gara f’Lulju li ghadda fejn omm sfat maqtula b’daqqiet ta’ sikkina minn zewgha f’Hal Tarxien. Il-kaz l-iehor kien tal-Ukrajna li nstabet mejta fix-xaft tal-lift u issa hemm zewgha mharrek bil-qtil. Dawn il-kazi, flimkien maz-zieda tal-kazi fil-Qorti, juru li l-vjolenza domestika sfortunament ghadha hajja f’pajjizna.
Nistaqsiha xi thoss li l-ahjar metodu kif din tigi miggielda?
“L-edukazzjoni l-ewwel u qabel kollox. Tibda mill-iskejjel u twassal messagg ta’ kif ghandna nizviluppaw relazzjonijiet sani mal-ohrajn. L-edukazzjoni ghandha tindirizza lil persuni potenzjalment abbuzivi u anke lill-vittmi potenzjali wkoll. Turihom x’ghandhom jaccettaw jew ma jaccettawx f’relazzjoni. Hu taghlim ta’ life skills wara kollox.
“Imbaghad hemm bzonn ta’ edukazzjoni ta’ kif il-Ligi tipprotegik. Ghad hawn hafna nies, inkluz professjonisti, li ghadhom ma fehmux l-implikazzjoni tal-Ligi dwar il-vjolenza domestika.
“Vjolenza domestika mhux bilfors trid tkun fizika. Tista’ tkun psikologika, emozzjonali u anki finanzjarja. Ma jifhmux li dawn jaqghu tahtha wkoll.”
Ziedet tghid li ghad hawn min jahseb li vjolenza domestika ssir biss minn sieheb fuq il-mara wkoll.
“Imma ghad hawn hafna vjolenza fuq l-anzjani u dejjem ninsewha din, l-aktar tat-tip finanzjarja,” spjegat Leprè.
Ziedet tghid li l-Kummissjoni, flimkien ma’ entitajiet ohra, ilha numru ta’ xhur tahdem biex jitwaqqaf centru ta’ sexual assault crisis response li jilqa’ fih vittmi ta’ reati ta’ natura sesswali fosthom date rape, strange rape u abbuz sesswali minn sieheb jew siehba.
“Dalwaqt se nressqu r-rakkomandazzjonijiet taghna lill-Ministeru biex dan ic-centru jitwaqqaf kemm jista’ jkun malajr. Ic-centru hu ppjanat li jkun bazat fl-Isptar Mater Dei ghax normalment l-isptar hu l-ewwel post li fih il-vittmi jfittxu l-ewwel ghajnuna.”
L-entitajiet involuti huma l-Ministeru tas-Sahha u l-Isptar Mater Dei, l-Appogg, il-Pulizija, il-Victim Support Group, il-Malta Council for Women Organisations u l-Ministeru tal-Gustizzja. Dan it-task force twaqqaf taht il-patrocinju tal-Ministeru ghall-Familja.
Bhalissa l-Kummissjoni ghandha hafna xoghol iehor ghaddej permezz tas-sotto kumitati differenti taghha, fosthom dwar ricerka,

l-gharfien fost il-pubbliku, is-servizzi u sotto-kumitat gdid ghal affarijiet legali.
Ghadd mill-attivitajiet ta' dawn is-sotto-kumitati se jitwettqu permezz ta' progett kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea li qed ikun implimentat bhalissa. Il-progett jinkludi wkoll ricerka dwar kif tista' tonqos il-vjolenza domestika f'Malta.
Leprè ziedet tghid, "Aspett mill-progett hu l-importanza li persuna tahdem biex issir indipendenti. Numru ta' nisa jibqghu fil-problema tal-vjolenza domestika minhabba li huma dipendenti ekonomikament.
"Qeghdin niffinalizzaw pjan ta' azzjoni ghas-snin li gejjin li jigbor fih l-aspetti kollha. Hu pjan ta' tliet snin biex nikkordinaw is-servizzi kollha bejniethom. Mhux ghax m'hemmx servizzi imma mhumiex koordinati.
"Fosthom ghandek dawk statali, privati u tal-ghaqdiet mhux governattivi. Izda mhumiex koordinati. Ghalhekk jinhtieg pjan ta' azzjoni biex is-servizzi jigu koordinati u nevitaw id-duplikazzjoni ghax ir-rizorsi huma limitati."
Dwar il-proceduri tal-Qrati spjegat kif dawn huma ta' deterrent ghall-aggressur specjalment jekk jara li l-vittma se tkompli bil-proceduri. Ma jistax ikun li jkollok procedura li tibda u titkompla xahrejn wara ghax il-vittma tkun f'sitwazzjoni prekarja.
"Meta tittiehed l-ewwel azzjoni legali kontra l-aggressur hu z-zmien fejn il-vjolenza tizdied. Il-vjolenza hi kollha bbazatha fuq poter u hemmhekk tkun qed tisfidah. Ghalhekk importanti l-protezzjoni tal-Pulizija fl-ghases. Sfortunatament mhux il-Pulizija kollha jafu l-ligijiet bizzejjed.
Mara li tisfa vittma ta' vjolenza sakemm tista' taghmel rapport mal-Pulizija u ttellghu l-Qorti?
"Skont il-forma ta' vjolenza u kemm hu gravi r-reat. Perezempju f'kaz ta' reati li l-piena taghhom hi ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sena l-preskrizzjoni hi ta' sentejn. Filwaqt li kazi aktar gravi li l-piena taghhom hi ta' prigunerija bejn 29 sena l-preskrizzjoni hi ta' 15-il sena."
Ghal vittmi li li jistghu jkunu fil-periklu tal-mewt minhabba l-vjolenza tas-sieheb jew siehba, tissuggerixxi: "Il-Pulizija huma l-ewwel pass jekk qed tibza' li titlef hajjitha. Imbaghad tghaddi ghas-supportline 179. Minn hemm il-haddiema tal-Appogg jistghu jirreferuhom ghax-xelters.
"Minn xi sena ilu l-Kummissjoni waqqfet ukoll fond flimkien mal-Appogg biex jekk il-vittma tibza' jew thossha mhedda anki biex tohrog mix-xelter u titla' l-Qorti tinghata l-protezzjoni tal-Pulizija."
Dwar din it-tip ta' protezzjoni semmiet li gieli jkollhom bzonnha anki s-social workers. Ghalkemm il-fond hu ghall-vittmi.
"L-iskorta mhix awtomatika f'dawn il-kazi ghax mhux kulhadd jehtiegha. Irid isir assessment ta' kemm hu gravi l-periklu mbaghad tittiehed decizjoni dwar jekk hemmx bzonn ta' skorta jew le."
Nergghu nduru ghall-Qrati u ghall-fatt li l-kazi ta' vjolenza domestika fil-Qrati zdiedu b'25 fil-mija. Hi kwistjoni ta' aktar gharfien?
"Iva, hawn aktar gharfien u mhux mahluq minna biss imma mill-entitajiet l-ohra fosthom l-ghaqdiet mhux governattivi. In-nies saru jitolbu aktar ghall-ghajnuna. Ghalkemm xorta mhux bizzejjed u nemmnu li r-rispons tal-Qrati jista' jizdied. Il-mezzi li ghandna llum fil-Ligi mhumiex jintuzaw bizzejjed."
Isemmi l-Ordni ta' Protezzjoni u dik ta' Restrizzjoni. Dawn suppost jinghataw qabel ma tinqata' s-sentenza u wara.
"Dawn l-ordnijiet jistghu jintuzaw aktar biex fost affarijiet ohra johorgu lill-persuna abbusiva mid-dar kif ukoll jipprotegu lill-vittma u lil uliedha, meta jkunu hemm.
"L-istess jghodd ghat-treatment orders. Il-Qorti tista' tordna lill-persuni abbuzivi biex imorru ghall-programm. Jista' jkun li l-Pulizija u l-avukat tal-vittma ma jitolbux li tintuza. Izda l-Qorti tista' timponiha bla talba izda mhix issir bizzejjed."
Il-vjolenza domestika hi parti minn cirku vizzjuz ta' hafna problemi?
"Mhix, imma tista' tigi aggravata b'cirkustanzi ohrajn fosthom alkohol, droga u anki stress. Mhux ic-cirku vizzjuz li jikkawzaha. Hawn min jghid ghax tort tad-droga jew l-alkohol. Imma m'ghandhiex x'taqsam. Mhux kull min jabbuza mid-droga jew l-alkohol hu vjolenti.
"Jekk persuna hi abbuziva mal-partner taghha din dejjem se tibqa' abbuziva, anke jekk ikollha relazzjoni ma' partners ohrajn wara.
Nistaqsiha kienx hemm kazi ta' success fejn il-partner abbuziv 'fieq'?
"Kien hemm. L-Appogg ghandha servizz, Perpetrators Program, li sfortunatament ma jintuzax bizzejjed. Juzawh l-aktar l-irgiel. Hafna drabi jemmnu li l-mara ggeghilhom isiru aggressivi. Ikollhom bzonn jirrealizzaw li mhux is-siehba hi l-problema u jiehdu r-responsabbiltà ghall-azzjoni taghhom."